Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Referenza Kostituzzjonali Numru. 54/2007

**IL-PULIZIJA** (Spettur David Saliba)

**vs**

John **AQUILINA** u Marianna Aquilina

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Ottubru, 2007[1] (sedenti l-Maġistrat Dottor Anthony J. Vella LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-imputati Aquilina b'verbal waqt is-smigħ ta' dak inhar stess, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmija imputati fis-sens li n-nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni li tirtira l-akkużi

[1] Paġġ. 8 sa 10 tal-atti tal-akkuża


Qrati tal-Gustizzja

kontrihom meta fl-istess seduta rtirat l-akkużi fil-konfront ta’ akkużati oħrajn, jikkostitwixxi trattament diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”);

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Novembru, 2007, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta’ nhar il-Ħamis, 17 ta’ Jannar, 2008, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2007[2], li bih u fuq talba magħmula b’rikors imressaq mill-Awtorita’ għas-Saħħa u Sigurta’ fuq il-Post tax-Xogħol, bħala l-awtorita’ li kienet qiegħda tmexxi l-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati Aquilina quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, awtorizzat lill-istess Awtorita’ biex tressaq ir-Risposta tagħha dwar ir-Riferenza magħmula minn dik il-Qorti;

Rat ir-Risposta mressqa mill-imsemmija Awtorita’ fit-22 ta’ Novembru, 2007[3], li biha laqgħet ghas-siwi tal-ilment tal-imputati billi qalet li safejn l-ilment hu mibni fuq il-kawżali tad-diskriminazzjoni kif maħsub fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, dan hu lment għal kollox fieragħ għaliex l-ilment la jaqa’ taħt l-ebda waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-ewwel imsemmi artikolu u lanqas ma jinsab abbinat ma’ ksur tal-ebda jedd fundamentali ieħor fil-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li din il-Qorti kienet marbuta tqis il-kwestjoni biss fit-termini tar-riferenza magħmula lilha mill-Qorti riferenti u mhux usa’ minn hekk. Seħqet li l-ilment tal-imputati jisfaxxa quddiem dak li jipprovdi l-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni, minbarra li m’huwiex ilment li huwa materjalment u intrinsikament marbut mal-mertu tal-każ li bis-saħħa tiegħu l-imputati tressqu mixlija quddiem il-Qorti;

[2] Paġ. 8 tal-atti tar-Riferenza
[3] Paġġ. 9 sa 15 tar-Riferenza

Rat it-Tweġba mressqa mill-Avukat Ġenerali fis-27 ta' Novembru, 2007[4], li biha warrab l-ilment tal-imputati billi qal li r-riferenza nnifisha tmur lil hinn mill-qafas legali li fih Qorti oħra tista' tirreferi kwestjoni lil din il-Qorti, u dan għaliex riferenza bħal dik hija maħsuba li tindirizza speċifikatament ksur allegat ta' dritt fundamentali li, mingħajr u qabel ma jsir l-istħarriġ tiegħu, kawża ma tkunx tista' titmexxa 'l quddiem. Huwa jtenni li f'dan il-każ l-imputati ma jallegaw l-ebda ksur ta' jedd fondamentali fil-proċedura meħuda kontrihom, iżda biss minħabba li twaqqfet proċedura fil-konfront ta' ħaddieħor fi proċeduri oħrajn. Jgħid, għalhekk, li r-riferenza nnifisha tikkwalifika bħala waħda fiergħa u vessatorja għall-finijiet tal-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni u l-imputati, jekk jidhrilhom, messhom ressqu rikors kostituzzjonali huma stess. Iżid jgħid li l-ilment tal-imputati la jaqa' taħt waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 45 u lanqas jista' jattakka d-diskrezzjoni mogħtija taħt l-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, l-intimat jgħid li dan ma jgħoddx għaliex ksur tal-imsemmi artikolu jrid tabilfors jintrabat ma' ksur ta' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u, f'dan il-każ, l-imputati ma allegaw ksur tal-ebda jedd ieħor;

Rat l-atti kollha tar-Riferenza;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Ġenerali;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2008, li bih u fuq talba magħmula waqt is-smigħ f'isem l-imputati (li, minkejja li kienu notifikati, ma dehrux għall-kawża) tathom żmien xieraq biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'nota ta' osservazzjonijiet;

Rat li, minkejja dan, l-imputati xorta naqsu milli jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[4] Paġġ. 16 – 7 tar-Riferenza

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex l-imputati qegħdin jgħidu li l-Prosekuzzjoni mxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tagħhom, meta dehrilha li kellha twaqqaf il-proċeduri mibdija kontra imputati oħrajn, imma żammet għaddejjin il-proċeduri mibdijin kontrihom. Huma jallegaw li l-proċeduri li twaqqfu saru fil-konfront ta' persuni li kellhom awtorita' fl-amministrazzjoni tal-Qorti, u għalhekk dawn ingħataw trattament mhux bħal ħaddieħor;

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti juru li fis-6 ta' Ġunju, 2007[5], l-imputati tħarrku biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-Seduta tas-Saħħa u s-Sigurta' fis-27 ta' Ġunju, 2007, biex iwieġbu għal ħames akkużi dwar allegat ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fl-istabiliment kummerċjali mmexxi minnhom fin-Naxxar. Dak inhar is-seduta ma saritx, għaliex il-Maġistrat kien indispost, u l-kawża tħalliet għat-18 ta' Lulju, 2007. Dak inhar, l-imputati ma dehrux lanqas, imma deher għalihom avukat li għarraf lill-Qorti li l-klijenti tiegħu kienu indisposti u l-kawża tħalliet għall-24 ta' Ottubru, 2007. Dak inhar, deher l-imputat John Aquilina, mgħejjun minn avukat, u iddikjara li huwa kien qiegħed "jassumi r-responsabbilta' għas-soċjeta' mħarrka";

Illi fuq l-istess lista ta' kawżi ta' dak inhar quddiem l-istess Qorti, kien hemm Ċitazzjoni maħruġa fit-13 ta' Ġunju, 2007[6], kontra John Baptist Galea u John Sant, rispettivament Direttur Ġenerali u Direttur *Support Services* tal-Qrati tal-Ġustizzja, liema Ċitazzjoni kienet tixlihom b'għadd ta' akkużi bi ksur tal-liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurta'. Fl-24 ta' Ottubru, 2007[7], il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet kontra l-imsemmija Galea u Sant "peress illi llum tinsab soddisfatta li saru ħafna xogħlijiet u għalhekk ma għadx hemm il-ħtieġa li titmexxa l-kawża.

[5] Paġġ. 1 – 2 tal-atti tal-akkuża
[6] Paġġ. 11 – 3 tal-atti tal-akkuża
[7] Paġ. 20 tal-atti tal-akkuża

Kawża irtirata". Meta ssejħet il-kawża tal-imputati Aquilina, l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma li l-Awtorita' prosekutriċi kienet irċeviet r-*risk assessment* fis-26 ta' Ġunju, 2007 (Dan kien jindirizza waħda mill-imputazzjonijiet li tressqu kontra l-akkużati). F'dan il-waqt, l-avukat tal-imputat, Dottor Edward DeBono, staqsa lill-Uffiċjal Prosekutur jekk allura l-Prosekuzzjoni kinitx sejra twaqqaf il-kawża, "kif għamlet fil-kawża numru erbgħa u għoxrin (24) a bażi tal-istess akkużi"[8]. Il-Prosekuzzjoni wieġbet fin-negattiv. F'dan il-waqt, id-difensur tal-imputati ressaq verbal biex iqanqal il-kwestjoni kostituzzjonali u konvenzjonali fuq il-bażi tad-diskriminazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati tat id-degriet ta' riferenza waqt dak is-smigħ;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ billi jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[9] u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[10]. Għalhekk il-liġi[11] trid ukoll li riferenza tkun magħmula b'mod li l-ordni jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[12], preferibilment bit-tismija tal-artikolu tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li dwaru titqanqal dik il-kwestjoni;

Illi hawnhekk jidher xieraq li jingħad li hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-Qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament u meta, bħal f'dan il-każ, tkun

---

[8] Paġ. 8 tal-atti tal-akkuża
[9] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243.
[10] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.
[11] Reg. 5(1) tal-A.L. 35 tal-1993
[12] P.A. Kost **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)

saritilha riferenza minn Qorti oħra dwar kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma "paralleli"[13] għal xulxin: dan ifisser li m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha. Din id-differenza tidher minn kliem il-liġi nfisha;

Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura diretta hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-riferenza m'hijiex dritt tal-parti[14] imma hija obbligu tal-Qorti li quddiemha jitqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali, sakemm dik il-Qorti ma tqisx li t-tqanqil tal-kwestjoni kien wieħed biss fieragħ jew biex idejjaq. Għalhekk, filwaqt li fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (u/jew l-artikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319) din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali b'setgħat wesgħin dwar ir-rimedji li tista' tagħti, fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(3) (u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kap 319) din il-Qorti trid tagħti d-deċiżjoni fuq il-kwestjoni mibgħuta quddiemha, iżda hija l-Qorti li tkun bagħtet ir-riferenza lil din il-Qorti li għandha tiddisponi mill-kwestjoni oriġinali li matulha jkun tqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali[15]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li r-riferenza "kostituzzjonali" m'hijiex xi proċess ġdid iżda huwa proċess bi stħarriġ speċifiku (ta' xi lment ta' ksur attwali jew maħsub ta' jedd fundamentali) minn qorti b'kompetenza partikolari, fl-ambitu tal-proċess li minn ħdanu ssir riferenza bħal dik. B'mod li jekk kemm-il darba, għal xi raġuni, l-proċess riferenti jieqaf jew jintemm, hekk ukoll tieqaf u tintemm il-fażi tar-riferenza[16];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet saru għaliex din il-Qorti trid tagħmilha ċara li s-sejbien ta' xi ksur ta' dritt fondamentali fit-termini tar-riferenza magħmula lilha ma jagħtihiex il-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li matulha jkun qam l-

---

[13] Kost. **21.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.95**)
[14] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Attard et***
[15] Kost. **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Blundell et vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.1**)
[16] Kost. **18.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Nicholas Gatt et***

episodju li jwassal għall-istess riferenza. B'mod partikolari, għalhekk, lanqas ma jkun fis-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti rimedju li jiddetermina l-eżitu tal-kwestjoni li jikkompeti biss u esklussivament lill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza;

Illi kemm l-Awtorita' prosekutriċi u kif ukoll l-Avukat Ġenerali jqanqlu l-"eċċezzjoni preliminari" li r-riferenza hija waħda frivola u vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha[17], imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja. Hekk qegħda tqis din il-Qorti li kien il-każ meta l-Qorti tal-Maġistrati għamlitilha r-riferenza preżenti;

Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk[18]. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx il-kwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa jew biex iddejjaq;

Illi l-Qorti tħoss li għandha turi wkoll il-fehma tagħha li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata;

---

[17] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)

[18] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**) u Kost. **22.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.240**)

Illi r-riferenza li din il-Qorti għandha quddiemha tipprospetta lment kemm kontra l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll kontra l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li għalkemm jitkellmu dwar diskriminazzjoni, iż-żewġ artikoli "ikopru terren differenti u għandhom ukoll portata differenti"[19];

Illi fl-artikolu 45 il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[20]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[21]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[22]. Tgħid ukoll li l-ebda diskrezzjoni dwar għamil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li xi persuna jkollha skond il-Kostituzzjoni nfisha jew xi liġi oħra ma titqies li tmur kontra l-jedd li dik il-persuna ma ġġarrabx diskriminazzjoni[23];

Illi fl-artikolu 14 il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* ieħor;

---

[19] Kost. **18.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et***
[20] Art 45(1)
[21] Art. 45(2)
[22] Art. 45(3)
[23] Art. 45(8)

Illi fil-każ li għandna quddiemna, jidher li l-imputati Aquilina qegħdin iqanqlu l-ilment tad-diskriminazzjoni fuq żewġ livelli: (a) fl-ewwel lok, għaliex il-proċeduri kriminali mibdijin kontrihom tħallew fis-seħħ filwaqt li dawk mibdijin kontra ħaddieħor twaqqfu; u (b) fit-tieni lok, jimplikaw li l-proċeduri l-oħrajn twaqqfu għaliex ittieħed qies ta' min kienu l-imputati, jiġifieri uffiċjli għolja fit-tmexxija tal-Qrati tal-Ġustizzja;

Illi **biex jiġi mistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** l-Qorti jidhrilha xieraq li jingħad li llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[24];

Illi f'dan il-każ il-Qorti ma ssibx li l-elementi kollha hawn fuq imsemmija jirriżultaw. B'mod partikolari, m'huwiex minnu li l-imputati Aquilina u l-imputati l-oħrajn kienu mixlija bl-istess akkużi. Hemm biss żewġ akkużi mressqin kontra l-imputati Aquilina li kienu tressqu wkoll kontra l-imputati Galea u Sant: iżda kontra dawn tal-aħħar kienu tressqu xiljiet oħra u iżjed fil-għadd. Fit-tieni lok, ingħatat raġuni għaliex il-proċeduri kontra Galea u Sant twaqqfu: din ir-raġuni tissemma fil-verbal tas-smigħ tal-kawża tagħhom u bħala motivazzjoni għaliex il-Prosekuzzjoni għażlet li twaqqaf il-kawża kontrihom. Fit-tielet lok, it-trattament differenti mogħti lill-imputati Galea u Sant kien motivat b'raġuni li tidher li kienet raġonevoli;

Illi jirriżulta wkoll li d-diskriminazzjoni li l-imputati jqisu li seħħet kontrihom ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Kif sewwa jgħidu l-Awtorita' prosekutriċi u l-Avukat Ġenerali fit-Tweġiba rispettiva tagħhom, ir-raġuni

[24] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et***

ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu[25]. Fil-każ li għandna quddiemna, l-ebda waħda mill-kawżali msemmija fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma ssejjes l-ilment imressaq mill-imputati Aquilina;

Illi b'żieda ma' dan, l-ilment speċifiku tal-imputati f'din il-kawża jrid jitqies ukoll bil-kejl tal-għarbiel maħsub fl-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni, safejn l-istess ilment jirrigwarda l-għażla tal-Prosekuzzjoni li twaqqaf it-tmexxija 'l quddiem tal-każ ta' ħaddieħor. Kif ingħad f'dan ir-rigward f'waħda mill-ewwel deċiżjonijiet kostituzzjonali f'Malta u li sewwasew kienet mibnija fuq ilment ta' diskriminazzjoni (f'dan il-każ politika) fir-rigward ta' teħid jew nuqqas ta' teħid ta' azzjoni mill-Pulizija fil-konfront ta' persuni oħrajn ta' fehmiet politiċi differenti, "*din il-kwestjoni tista' konċepibilment tiġi investita f'wieħed minn żewġ modi: jew wieħed jinvesti mill-ewwel il-kwestjoni jekk, fi kwalunkwe każ, kienx hemm diskriminazjoni għat-termini tal-artikolu 46(2)*[26] *biex imbagħad, jekk jirriżulta li kien hemm, jara jekk din hijiex newtralizzata mill-artikolu 46(8)*[27]*, jew jinvesti mill-ewwel l-artikolu 46(8) biex imbagħad, jekk jirriżulta li fi kwalunkwe każ si tratta in ġenerali ta' eżerċizzju tad-diskrezzjoni hemm riferita, ma jidħol xejn fil-kwestjoni jekk kienx hemm jew le l-lamentata diskriminazzjoni taħt l-artikolu 46(2)*"[28]. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali segwiet l-ewwel miż-żewġ modi;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li safejn tali diskrezzjoni ma tkunx waħda irraġonevoli jew magħmula bi ksur ta' liġi jew ta' xi dmir impost b'liġi, it-twettiq tagħha ma jistax isejjes pretensjoni ta' ksur tal-jedd li bniedem ma jkunx diskriminat. Dan jingħad b'aktar saħħa jekk kemm-il darba l-ilment ma jkunx jaqa' taħt l-ebda waħda mill-kawżali tassativi maħsuba fl-artikolu 45(3). Fil-każ tal-lum, id-diskrezzjoni li nqdiet biha l-Awtorita' prosekutriċi kienet motivata fil-verbal relattiv, filwaqt li – kif sewwa

---

[25] P.A. (Kost) VDG **15.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael A Henley vs Il-Prim Ministru et***
[26] Art 45(2) tal-lum
[27] Art. 45(8) tal-lum
[28] Kost. **16.8.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali, Għ.S.L., 1979), Vol. II, paġ. 500

tirrileva l-istess Awtorita’ prosekutriċi – dik id-diskrezzjoni twettqet fi proċess li fih l-imputati ma kellhom l-ebda interess. Għall-kuntrarju, hija tisħaq li l-proċess li għalih iridu joqogħdu l-imputati jrid jimxi fuq il-meriti tal-każ u f’dak ir-rigward l-imputati ma qanqlu u ma jistgħu s’issa jqanqlu l-ebda lment ta’ ksur ta’ jedd fundamentali;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imputati ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom li ma ssirx diskriminazzjoni kontra tagħhom kif imħares taħt il-Kostituzzjoni;

Illi meta l-Qorti **tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma’ xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f’dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa’ mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta’ persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta’ trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[29]. Madankollu, persuna tista’ ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista’ turi u lanqas biss tippretendi ksur ta’ xi jedd “sostantiv” ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa’ fl-“ambitu” ta’ jedd bħal dak[30];

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li “*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has ‘no objective and reasonable justification’. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an*

[29] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177

[30] Harris, O’Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

*objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the finaldecision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[31];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[32];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, m'għandhiex tkun ħaġa iebsa biex wieħed isib li l-qagħda bejn l-imputati Aquilina u l-persuni l-oħrajn li l-kawża tagħhom twaqqfet hija waħda li tixxiebah għalkemm mhix waħda identika. Iżda l-Qorti ma ssibx li hemm wisq iżjed li jista' jwassal biex jitqies ukoll li d-differenza fit-trattament kienet waħda diskriminatorja għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-konvenzjoni u, bit-twettiq tal-eżerċizzju hawn fuq imsemmi, ma jistax

---

[31] QEDB **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

[32] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

jingħad li l-ilment tal-imsemmija imputati huwa wieħed mistħoqq;

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti jidhrilha li d-differenza fit-trattament bejn l-akkużati f’din il-kawża u dawk fil-kawża li twaqqfet ma naqqset l-ebda tgawdija tal-jeddijiet fundamentali tal-akkużati Aquilina f’din il-kawża f’dak li jirrigwarda l-jedd ta’ smigħ xieraq taħt il-friegħi u aspetti kollha tiegħu. Kif sewwa ngħad mill-intervenuti f’din ir-Riferenza, il-każ kontra Aquilina u dak kontra Galea u Sant ma kellhom xejn x’jaqsmu ma’ xulxin. Kienu jirrigwardaw reati u postijiet għal kollox differenti. Inzertaw biss issejħu fl-istess smigħ, u malli twaqqaf l-ewwel każ, l-akkużati Aquilina twebblu jgħidu li l-każ kontrihom messu twaqqaf ukoll. Bit-twaqqif *per se’* tal-każ kontra Galea u Sant, ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali ta’ Aquilina, lanqas ma jista’ jingħad li l-każ tagħhom tqiegħed f’ċirkostanzi aktar gravi minn kemm kienu qabel;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ż-żamma fis-seħħ tal-proċeduri kontra l-imputati Aquilina tirrifletti għan leġittimu tal-istat li jara li l-ħarsien tal-liġijiet jitwettaq u li min ikun mixli bi ksur tagħhom iwieġeb għal nuqqas bħal dak. Dik iż-żamma fis-seħħ ma tissarrafx, meħuda waħedha, fi ksur ta’ jedd ta’ smigħ xieraq tal-kawża mressqa kontra l-imputati Aquilina, lanqas ma tissarraf f’sejbien ta’ ħtija tagħhom f’kull ċirkostanza. F’dan il-każ, għalhekk (u kif tajjeb jirrilevaw l-Awtorita’ prosekutriċi u l-Avukat Ġenerali fit-Tweġibiet rispettivi tagħhom) ma hemm l-ebda ksur ta’ jedd “sostantiv” kif imħares fil-Konvenzjoni. Il-kwestjoni mqanqla mill-imputati Aquilina għalhekk trid titqies fl-eżami jekk it-twaqqif tal-proċeduri kontra ħaddieħor kienx twaqqif diskriminatorju bi ħsara għall-istess imputati;

Illi tajjeb li l-Qorti tirrileva li l-jedd fundamentali ta’ persuna li tkun imressqa b’akkuża kriminali m’huwiex li dik il-persuna tinħeles akkost ta’ kollox minn akkuża bħal dik, imma li tingħata smigħ xieraq dwarha. Fi kliem ieħor, il-fatt li l-proċeduri kontra persuna akkużata b’reat ma jitwaqqfux filwaqt li jitwaqqfu (għaliex ikun meqjus li jeżistu l-kundizzjonijiet xierqa biex isir dan) fil-konfront ta’ persuna oħra li tkun akkużata b’reat ma jġibx b’daqshekk

biss ċirkostanza ta' tnaqqir fit-tgawdija tal-jedd fundamentali ta' dik il-persuna fil-konfront ta' din. Il-fatt li jitwaqqfu l-proċeduri kontra persuna akkużata u ma jitwaqqfux fil-konfront ta' oħra ma jissarrafx fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq dwar din tal-aħħar. Għall-kuntrarju, jekk ikun hemm raġunijiet tajbin biex proċeduri kontra xi ħadd jitwaqqfu, iżda dawn jitkomplew sempliċement għaliex ikunu tkomplew kontra oħrajn, dan jista' jnissel ksur tal-jedd fundamentali ta' dawk tal-ewwel u mhux ħarsien ta' trattament ugwali fil-konfront ta' dawn tal-aħħar;

Illi dwar it-tielet aspett, il-Qorti ssib li d-differenza fil-mod kif imxew il-każ ta' Aquilina u dak kontra Galea u Sant kienet mibnija fuq il-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu. Dan l-għan hu li l-Istat m'għandux jissokta jakkanixxi proċeduri kriminali kontra persuni li ma jkollhomx għalfejn iwieġbu aktar għal xiljiet ta' ksur ta' liġi. F'dan il-każ, kif diġa' ssemma aktar qabel, il-Qorti tqis li d-differenza li saret bejn il-każ tal-imputati Aquilina u dak tal-imputati Galea u Sant kienet kemm proporzjonali u kif ukoll meħtieġa biex jintlaħaq dak il-għan;

Illi l-imputati Aquilina, min-naħa tagħhom, jibnu l-ilment tagħhom ukoll fuq il-fatt li l-imputati Galea u Sant fil-kawża li twaqqfet kienu amministraturi għolja fit-tmexxija tal-Qrati. Fi kliem ieħor, qegħdin jgħidu li l-kawża kontra Galea u Sant twaqqfet għax huma min huma, filwaqt li l-kawża kontrihom (jiġifieri, Aquilina) ma twaqqfitx. F'dan ir-rigward, jidher li l-imputati qegħdin jorbtu l-ilment tagħhom mal-każ fejn l-artikolu 14 "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other*"[33]. B'hekk jitqies li l-artikolu 14 "*aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes*"[34];

---

[33] QEDB **6.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Greċja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9

[34] K. Reid A Practitoner's Guide to the European Convention on Human Rights (1998), paġ. 195

Illi mhux kontestat li kemm Galea (li kien Direttur Ġenerali, illum irtirat) u Sant (Direttur *Support Services*) kellhom karigi għoljin fit-tmexxija tal-Qrati. Dan waħdu, madankollu, ma jfissirx li l-ilment tal-imputati Aquilina huwa sostnut. Mill-atti ma jirriżultax bl-ebda mod li l-każ kontra Galea u Sant twaqqfu minħabba l-karigi li kellhom: għall-kuntrarju, l-prova waħdanija[35] li toħroġ hi li l-każ tagħhom twaqqaf għal raġuni oħra. L-imputati Aquilina ma ressqu l-ebda ħjiel ta' prova dwar dak minnhom allegat, tant li lanqas qatt dehru għas-smigħ tar-Riferenza. Huwa prinċipju aċċettat li, f'każi ta' allegata diskriminazzjoni, jaqa' fuq il-persuna li tallegaha l-piż li jipprova kemm l-eżistenza ta' "tikketta" li minħabba fiha ngħata trattament differenti, u kif ukoll li kienet tassew tali "tikketta" li nisslet dak it-trattament differenti.[36] Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma ssibx li seħħet diskriminazzjoni lanqas f'dan ir-rigward bi ħsara tal-imputati Aquilina;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-riferenza magħmula lilha billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2007, billi tgħid li ma jirriżultalhiex li l-imputati Aquilina ġarrbu tassew ksur tal-jedd fundamentali tagħhom li ma jkunux diskriminati u dan kemm taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, abbinat ma' xi jedd fundamentali konvenzjonali ieħor; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex jgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex tkompli tisma' l-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

[35] Il-verbal magħmul mill-prosekuzzjoni waqt is-smigħ tal-24 t'Ottubru, 2007, meta kienu rtirati l-akkużi

[36] Harris, O'Boyle & Warbrick Op. Cit., paġġ. 472 – 3

---------------------------------TMIEM---------------------------------